**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER F'SEDUTA NRU 46 TAT-22 TA' OTTUBRU 2003**

Nirreferi għall-punt imqajjem mill-Onor John Attard Montalto waqt is-seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2003, matul id-dibattitu fuq ir-Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjeta', b'riferenza għall-għoti b'ċens ta' fond lill-Casino Maltese.

L-Ordni Permanenti Nru 89 speċifikament fl-ewwel paragrafu, jgħid li:-

"Ebda Membru ma jkollu dritt jivvota fil-Kamra jew f'Kumitat tal-Kamra kollha jew maħtur mill-Kamra dwar xi kwistjoni li fiha jkollu interess pekunjarju dirett.".

Fil-każ ta' din ir-Riżoluzzjoni bl-ebda mod m'hu indikat li l-fatt li Deputat hu membru tal-Każin Malti jimplika xi interess pekunjarju dirett.